25 MAY 2021

ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

**IT-TMINN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 540**

**It-Tnejn 29 ta' Marzu 2021**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' b'mod virtwali permezz ta' *Microsoft Teams*, fis-6.20 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Angel Gwyn Louisielle Camilleri - Kunsilliera
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI**

Joseph Vella - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**540.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

540.1.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**540.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti**

540.2.1 Il-minuti tal-539 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg.

**540.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

540.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienu għaddejjin diversi xogħlijiet infrastrutturali f'madwar ħdax-il triq f'Ħaż-Żabbar.

540.3.2 Is-Sindku qal li *Infrasturcure Malta* kienet bdiet ix-xogħol ta' twessiegħ ta' Triq Bieb is-Sultan. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kinitx ser issir esproprjazzjoni tal-art fi Triq Bieb is-Sultan. Is-Sindku qal illi l-esproprjazzjoni tal-art diġa saret peress illi kien inbeda x-xogħol ta' formazzjoni u twessiegħ tat-triq.

540.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti illi kienet saret rilokazzjoni tal-*i Bins* li kien hemm f' Misraħ Alofju Wignacourt sabiex ikun jista' jitneħħa ċ-ċint tal-għalqa.

540.3.4 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol ta' kostruzzjoni li mistenni jsir fi Sqaq il-Knisja u nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien għaddej bil-proċess tal-permessi mal-entitajiet ikkonċernati. Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill kien għaddej bid-diskussjonijiet mal-Korporazzjoni tal-Ilma dwar it-tibdil tas-servizzi.

540.3.5 Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet f'hiex kien wasal ix-xogħol ta' Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku qal li l-periti ta' *Infrastructure Malta* kienu għad iridu jiċċertifikaw ix-xogħol li kellu jsir mill-ġdid minħabba li kien sar ħażin. Is-Sindku żied jgħid li dan ix-xogħol inqala' u reġa' sar għas-spejjeż tal-kuntrattur. Is-Sindku spjega li bħala parti mill-proġett kien qed isir ħafna xogħol fuq servizzi ġodda tal-ilma u drenaġġ fi Triq il-Baħrija u x-xogħol kien qed jiġi sinkronizzat sabiex ma jinqalgħux it-toroq kollha f'daqqa.

540.3.6 Is-Sindku qal illi kien ingħata l-ewwel saff ta' asfalt u tkomplew il-bankini u t-tqegħid ta' servizzi taħt l-art fi Triq iż-Żabrella, Triq id-Dliela u Triq il-Fikus. Is-Sindku żied jgħid li dalwaqt kien ser jinbeda x-xogħol infrastrutturali fi Triq il-Werżieq, Triq iż-Żarżarell u parti minn Triq San Leonardu.

540.3.7 Is-Sindku ppropona sabiex issir attività bil-kollaborazzjoni mal-Knisja Arċipretali u Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja u nhar il-Ħamis l-1 t'April 2021 issir mixgħela ta' kuraġġ mal-faċċata u fuq iż-zuntier tas-Santwarju bix-xemgħat u bid-dawl vjola. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-armar isir permezz tal-voluntieri filwaqt li l-Kunsill iħallas l-ispiża ta' €600 sabiex jinxtraw il-kurrenti, ix-xemgħat u l-ispejjeż marbuta mad-dawl il-vjola. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur

Angelo Scicluna, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din il-mixgħela u li n-nefqa marbuta ma' din l-attività tkun tammonta għal €600.

540.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi skont l-Artiklu 70 tal-Att dwar Gvern Lokali trid issir laqgħa tal-lokalità sa mhux aktar tard mill-15 t'April fejn fiha jiġi ppreżentat ir-Rapport Amministrattiv, ir-Rapport Finanzjarju u l-Pjan ta' Ħidma. Għall-benefiċċju tas-saħħa pubblika minħabba l-pandemija tal-COVID 19, is-Sindku issuġġerixxa li din il-laqgħa ssir b'mod virtwali permezz ta' *Zoom* u tiġi trasmessa fuq il-paġna uffiċċjali ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa tal-lokalità issir nhar il-Ħamis 8 t'April, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-membri tal-Kunsill li kull Kunsillier għandu jippreżenta rapport dwar il-ħidma tiegħu fil-qasam li għalih ikun responsabbli. Dan peress illi r-rapport għandu jiġi nkluż fir-Rapport Amministrattiv.

540.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi waqt laqgħa li kellu mas-CEO tal-Wasteserv il-Kunsill ġie nfurmat li l-Gvern Ċentrali kien ser jagħmel investiment ta' żewġ miljun Ewro fil-lokalità permezz ta' proġett tal-*Urban Greening*. Is-Sindku qal illi l-finanzjament ta' dawn il-proġetti kienu ser isiru mill-Gvern Ċentrali. Dawn il-proġetti jinkludu tisbiħ tal-ex venda ta' Ħaż-Żabbar li qiegħda fi Triq is-Santwarju, tisbiħ fi Triq Ġużeppi Pace, tisbiħ fi Triq Santa Duminka u ta' tisbiħ fi Triq il-Marloċċ kantuniera ma' Triq San Ġużepp. Permezz ta' dawn il-proġetti ser jitnaqqsu l-emmissjonijiet u titjieb il-kwalità tal-arja, jipprovdu d-dell, jitnaqqas it-tinġis mill-istorbju, ser ikun hemm effetti pożittivi fuq il-kontroll tal-ilma tax-xita, żieda fil-biodiversità urbana u titjib fis-saħħa u l-benesseri. Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-pjanta proposta tal-ex venda ta' Ħaż-Żabbar u qal illi dan il-proġett ta' tisbiħ kien jinkludi tined f'forma ta' umbrella, *planters* tas-siġar u modifikazzjoni tal-parkeġġ. Is-Sindku żied jgħid illi kien ser jitlob lill-każini tal-baned sabiex jipprovdu d-daqs tal-umbrelel mekkanizzati li jintużaw matul il-briju tal-festa u d-daqs tal-armar li jintrama fl-ex venda matul il-ġranet tal-festa. Is-Sindku spjega li f'każ li ma joqgħodux l-umbrelel jew il-bażi tal-istatwa ta' Malta Rebbieħa, kien ser jitlob li jiġu modifikati l-*planters*. Is-Sur Mark Grech issuġġerixxa sabiex isir *underground parking* taħt l-ex venda. Is-Sindku qal illi ma kienx possibli li jsir *underground parking* minħabba li taħt l-ex venda kien hemm ġibjun. Barra minn hekk dan il-ġibjun kien ser iservi sabiex jilqa' l-ilma tax-xita li jkun ġej minn Triq tal-Labour u kien ser jintuża bħala konservazzjoni tal-ilma. Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-importanza li dan il-ġibjun jilqa' l-ilma tax-xita li jkun ġej minn Triq tal-Labour sabiex tittaffa l-problema tal-għargħar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament il-pjanta proposta.

540.3.10 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-pjanta proposta għal Triq Ġużeppi Pace u qal illi l-proġett ta' tisbiħ kien jinkludi tinda fin-nofs tal-pjazza bi ġnien fuq is-saqaf tat-tinda u pavimentar tal-art. Is-Sindku ssuġġerixxa sabiex il-Kunsill juża l-*planning funds* u jagħmel il-pavimentar tat-triq kollha f'każ li l-kumplament tat-

triq ma tiġix inkluża bħala parti mill-proġett. Is-Sindku qal illi t-tinda ser tkun għolja biżżejjed biex il-vetturi jkunu jistgħu jipparkjaw taħtha. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx ser jonqos il-parkeġġ. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk kienx ser ikun hemm sistema ta' irrigazzjoni. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv u żied jgħid li bħalissa kienu għaddejjin diskussjonijiet sabiex jiġi deċiż jekk Ambjent Malta kinitx ser tieħu ħsieb il-manutenzjoni ta' dan il-ġnien. Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill approva unanimament il-pjanta proposta.

540.3.11 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-pjanta proposta għal Triq Santa Duminka u qal illi l-proġett ta' tisbiħ kien jinkludi tinda fin-nofs tal-pjazza bi ġnien fuq is-saqaf tat-tinda, bankijiet u pavimentar tal-art. Il-Viċi Sindku saħqet dwar l-importanza li jibqa' jsir manutenzjoni tal-ġnien wara li jitlesta l-proġett. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'kien ser isir fil-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka. Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex fil-parti d-dejqa ta' Triq Santa Duminka titwaħħal tabella li tindika l-i*speed limit*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li japprova l-pjanta proposta.

540.3.12 Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill kopja tal-pjanta proposta għal Triq il-Marloċċ kantuniera ma Triq San Ġużepp u qal illi l-proġett ta' tisbiħ kien jinkludi struttura tal-ħadid f'forma ta' siġra fuq ir-*roundabout*. Is-Sindku spjega li f'din iż-żona l-Kunsill diġa kien approva rilokazzjoni ta' *green area* u qal illi kien ser iressaq kopja tal-pjanta kif approvata minn Transport Malta lil Wasteserv sabiex l-istruttura tas-siġra tiġi nkuża f'dan il-proġett minflok fir-*roundabout*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob lil Wasteserv jemenda l-pjanta proposta.

540.3.13 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni SPI.SCI.8.2020. Espressjoni ta' Interess - Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022 u nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien għaddej bil-proċess tal-applikazzjoni.

540.3.14 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti illi l-Kunsill kien iffirma l-*Memorandum of Understanding* mal-Fondazzjoni Kottonera. Is-Sindku żied jgħid li fil-jiem li ġejjin kien ser ikollu laqgħa mal-Fondazzjoni sabiex jiġu diskussi l-proġetti li jistgħu jsiru permezz ta' dan il-ftehim.

540.3.15 Is-Sindku rrefera għax-xogħol ta' restawr li kien qed isir fuq il-Monument tal-Gwerra f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi mid-Direttorat tal-Implimentazzjoni tal-Proġetti u qal li x-xogħol ta' restawr kien kważi tlesta. Dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni tal-funtana ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi s-Sindku spjega li l-ispejjeż tal-materjal kienu qed jitħallsu mill-Kunsill filwaqt li x-xogħol kien ser isir permezz tal-ħaddiema tad-Direttorat. Barra minn hekk kien ser isir ftehim sabiex it-tindif u l-manutenzjoni tal-funtani isir permezz tal-ħaddiema tad-Direttorat responsabbli mill-funtani. Is-Sindku semma l-ħtieġa li jitqabbad *electrician* sabiex jirranġa d-dawl tal-art peress illi ma kienx qed jixgħel. Fuq proposta tas-Sindku li

ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jirranġa d-dawl li ma kienx qed jixgħel kif ukoll sabiex iżid iktar *bollards* tad-dawl mad-dawra tal-pjazzetta sabiex tingħata dehra ġdida. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk dan it-tibdil fil-pjazza kienx ser jaffettwa l-armar tal-festa. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv u qal illi fil-pjazza kull ma hemm huma t-toqob tal-arbli.

540.3.16 Is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex isir xogħol ta' restawr fuq il-bust tal-Gran Mastru Hompesch. Is-Sinjura Anna Calleja issekondat il-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jagħmel xogħol ta' restawr tal-bust tal-Gran Mastru Ferdinand Von Hompesch.

540.3.17 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsir il-*culvert* tal-ilma tax-xita biex jilqa' l-ilma tax-xita li jinżel fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi. Is-Sindku qal illi kien ser jagħmel pressjoni mal-entitajiet konċernati sabiex il-kanal tal-ilma tax-xita jiġi nkluż fil-proġett ta' tisbiħ tal-ex venda fi Triq is-Santwarju.

540.3.18 Is-Sur Joseph Agius talab li jsir xogħol ta' tisbiħ mad-dawra tal-Mina ta' Hompesch peress illi l-kulur tal-ġebla tal-konok tal-ħamrija kienet swiedet u ma kinitx taqbel mal-kulur tal-ġebla tal-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku semma l-ħtieġa li jiġi rranġat id-dawl tal-art tal-Mina ta' Hompesch u li jsiru *spotlights* sabiex idawwlu l-parti ta' fuq tal-mina.

540.3.19 Is-Sindku qal illi l-perit tal-Kunsill kien qed jipprepara d-dokumenti sabiex permezz tal-*Planning Funds* jinbidlu l-fanali tal-isqaqien u l-arbli tad-dawl tal-*Housing Estate*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jibdel il-fanali tal-isqaqien u l-arbli tad-dawl tal-Housing Estate permezz tal-*Planning Funds.*

540.3.20Is-Sindku qal illi kien hemm id-dawl tad-dawra tal-monument ta' Agatha Barbara maqtugħ. Is-Sindku żied jgħid li l-problema kienet ġejja minn ħsara fil-*cable* tad-dawl li għaddej minn taħt l-art. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħmel ix-xogħol neċessarju sabiex din il-ħsara tissewwa.

540.3.21 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hiex wasal il-proġett li kellu jsir mad-dawra tal-iskola. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tiġi approvata d-*direct order*. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa x'kien ser jiġri f'każ li l-*bollards* jitilgħu waħedom u ssir ħsara fil-vetturi bħal ma ġara il-Marsa. Is-Sindku qal illi s-sistema tal-*bollards* tal-Marsa kienet differenti peress illi kienu ssettjati li jitilgħu bil-ħin, b'mod awtomatiku, filwaqt li l-*bollards* li ser isiru fil-madwar tal-iskola, kien ser ikun hemm persuna li ser tkun qed tikkontrollahom.

540.3.22 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi kienet ser tinbeda t-tieni fażi ta' tpinġija fuq il-ħajt tat-Teatru Grieg fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien irċieva

talba sabiex issir tpinġija mal-ħajt tal-latrini li hemm fil-ġnien. Is-Sindku żied jgħid li bħalissa kien għaddej xogħol ta'manutenzjoni taż-żebgħa taċ-ċnut fil-ġnien bil-kulur aħdar, aħmar u blu u kien inbeda x-xogħol ta' manutenzjoni fil-grawnd tal-*5A side*.

540.3.23 Is-Sur Joseph Agius issuġġerixxa li jsir ġnien vertikali mal-ħajt tal-grawnd tal-*5A side.*

540.3.24 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk kienx sar it-tapit tal-lakstu fi Ġnien il-Kunsill. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

540.3.25 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fil-jiem li ġejjin kienu ser jitwaħħlu l-*feeding stations* għall-qtates *strays*.

540.3.26 Dwar il-proġett tad-Dar tal-Anzjani s-Sindku nforma lill-Kunsill illi kien iltaqa' mal-Madre ta' Dar Sagra Familja flimkien mal-Fondazzjoni Sebħ u ġew diskussi l-pjanti proposti. Is-Sindku qal illi fuq talba tal-Fondazzjoni Sebħ huwa kien talab lill-perit tal-Kunsill biex jemenda l-pjanti sabiex finalment jiġu sottomessi lill-Kurja. Is-Sindku żied jgħid li wara li jiġu sottomessi l-pjanti jkun jonqos l-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Proġetti, Kumitat tal-Finanzi u mill-Kumitat Eklesjastiku fi ħdan il-Kurja. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk ix-xogħol kienx ser jinbeda hekk kif tinħareġ l-approvazzjoni mill-Kurja. Is-Sindku qal illi kif il-Kurja tagħti l-approvazzjoni tagħha, jiġi ffirmat il-kuntratt u jinbeda l-proċess sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti u jiġu sottomessi l-permessi mal-*Planning Authority*. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk id-dar tal-anzjani hiex ser tkun maqtugħa mill-istitut tat-tfal. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

540.3.27 Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien għad irid jiddiskuti mal-Mużew tas-Subien sabiex il-*flatlets* tal-istitut jiġu estiżi għal fuq il-maħżen tal-mużew. Is-Sindku spjega li l-Mużew tas-Subien kienu ser jiġu offruti kirja annwali mid-dar tal-anzjani bħala kumpens. Is-Sindku qal illi b'dan il-mod il-Mużew tas-Subien kien ser ikun sostenibbli minflok jitlob il-karità. Is-Sindku qal illi kien għaddej b'diskussjonijiet mal-Ministru tal-Finanzi sabiex il-Gvern Ċentrali jgħin f'dan il-proġett u jixtri s-sodod għall-anzjani.

540.3.28 Dwar il-proġett ta' Misraħ San Nikola s-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill kien mistenni jirċievi l-pjanti fil-ġimgħat li ġejjin.

**540.4 Approvazzjoni tal-minuti tas-Sotto Kumitat**

540.4.1 Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitat.

**540.5 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

540.5.1 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk l-ispiża tal-madum tal-gomma kinitx relatata ma' bdil ta' tapit taħt bandla waħda biss. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fil-pożittiv.

540.5.2 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-23 ta' Frar 2021 u d-29 ta' Marzu 2021 li kienet tammonta għal €92,032.35.

**540.6 Ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv (Skala 13)**

540.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv - (Skala 13). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu li kandidata 'A' hija adattata għal din il-kariga u għamel ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-Kunsill illi f'każ li kandidata 'A' ma taċċettax l-impjieg għall-kariga ta' Uffiċjal Eżekuttiv, il-Kunsill ser imur għal kandidata 'B', li ġiet klassifikata it-tieni fil-lista tal-għażla. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li kandidata 'A' tiġi mpjegat bħala Uffiċjal Eżekuttiv - (Skala 13).

**540.7 Deċiżjoni dwar il-kuntratti**

- Servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* (ZLC 4/2019)

540.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 4/2019 għas-servizz ta' tindif u żamma tas-*soft areas* u *roundabouts* li għandu mas-Sur Christopher Bonello, kien ser jiskadi u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjorina Angel Gwynn Louisielle Camilleri, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

- Servizz ta' żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi (ZLC 1/2019)

540.7.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 1/2019 għas-servizz ta' ta' tindif u żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi li għandu mas-Sur Christopher Bonello, kien ser jiskadi fl-24 ta' Ġunju, 2021 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fil-latrina ta' fejn l-għassa kien qed ifur id-drenaġġ fil-bitħa u talab sabiex il-kuntrattur inaddaf u jiftaħ is-sadd. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jerġa' jġedded dan il-kuntratt għal sena oħra addizzjonali bl-istess rati u kundizzjonijiet.

- Skema għall-ġbir ta' skart riċiklat

540.7.3 Is-Sindku qal illi fil-ġranet li ġejjin kienet ser issir laqgħa mal-operaturi tal-iskema tal-ġbir ta' skart riċiklat u talab sabiex dan l-*item* jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss. Il-Kaptan Patrick Barbara talab lis-Segretarju Eżekuttiv tibgħat kopja tal-*proposals* li l-Kunsill kien irċieva lil kull Kunsillier permezz tal-*email*. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fil-preżent ma setgħetx tibgħat kopja tal-*proposal* permezz tal-email peress illi kienet qed issegwi direttiva tal-UHM u mhux qed tuża mezzi ta'

komunikazzjoni, kemm dawk uffiċjali u dawk mhux uffiċjali. Is-Sindku talab lill-Kaptan Patrick Barbara sabiex jibgħat kopja tal-*proposal* lill-membri tal-Kunsill.

540.7.4 Il-Viċi Sindku ressqet ilment li kienet irċeviet mingħand resident dwar il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart. Il-Viċi Sindku qalet li l-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart kien qed iħallat il-boroż tal-iskart organiku flimkien mal-borża s-sewda. Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk l-ilment kienx li l-kuntrattur ħallat l-iskart tat-triq sħiħa jew inkella jekk ir-rapport kienx li ħallat borża tal-iskart organiku waħda biss. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li jekk il-kontenut tal-borża l-bajda jkun fiha skart imħallat, din il-borża tinġabar mal-borża s-sewda. Il-Viċi Sindku qalet li kellmuha żewġ residenti minn toroq differenti. Is-Sur Joseph Agius qal li mhux l-ewwel darba li nhar ta' Tnejn ikun hemm individwi li joħorġu l-borża tal-iskart organiku wara li jgħaddi t-trukk tal-*iscammel* u din il-borża eventwalment tinġabar mal-borża s-sewda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li anke f'każ li l-borża tinħareġ tard u mhux skont l-iskeda, din għandha titħalla hemm u tinġabar skont l-iskeda tal-ġbir tal-iskart. Is-Sindku qal illi fil-lokalità hemm trakk li għandu separatur tal-iskart.

**540.8 Ħatra ta' Bord ta' Evalwazzjoni tal-Offerti**

- Xogħlijiet Ċivili Triq l-Ewwel ta' Frar, 1994

540.8.1 Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni għal Xogħlijiet Ċivili fi Triq l-Ewwel ta' Frar, 1994 (ZLC 1/2021) u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Kunisllier is-Sur Mark Grech, mis-Sur Marco Cassar u mill-Perit Matthew Briffa.

**540.9 Pavimentar tal-isqaqien**

540.9.1 Is-Sindku qal illi kien qed jgħaddi din il-mozzjoni sabiex Sqaq il-Knisja u l-isqaqien tal-madwar isiru bl-*imprint concrete* minflok *brushed concrete.* Is-Sindku qal illi ħafna mill-proġetti qed isiru mill-Gvern Ċentrali u l-Kunsill qed jiffranka l-fondi. Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-kumplament tal-isqaqien kienux ser isiru bl-*imprint concrete*. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill ikun jista' jagħmel l-isqaqien bl-*imprint concrete* sakemm jippermettu l-fondi tal-Kunsill. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm kienet l-istima sabiex dawn l-isqaqien isiru bl-*imprint concrete*. Is-Sindku qal li l-isqaqien kienu ser jiġu jiswew madwar €25,000 aktar. Is-Sur Joseph Buttigieg qal li jekk il-Kunsill jiddeċiedi li dawn l-isqaqien isiru bl-*imprint concrete,* kull sqaq li jsir għandu jkun bl-*imprint concrete.* Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li Sqaq il-Knisja u l-isqaqien li hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni isiru bl-*imprint concrete.*

540.9.2 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li Triq is-Santwarju Sqaq Numru 1 isir bl-*imprint concrete*. Is-Sindku qal illi dan l-isqaq qiegħed diġa bl-*imprint concrete.*

540.9.3 Is-Sindku qal illi kif jitlestew l-isqaqien ta' wara l-knisja, il-Kunsill jibda lista ta' sqaqien oħra fosthom sqaqien f'Misraħ San Ġakbu , sqaqien fi Triq Bajada, Sqaq San Mikiel u Sqaq il-Biċċieni. Is-Sur Joseph Buttigieg issuġerixxa li Sqaq San Pawl isir ukoll.

**540.10 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi**

540.10.1 Ma kienx hemm talbiet għal rimbors.

**540.11 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

540.11.1 Fit-8.20 ta' filgħaxija s-Sur Angelo Scicluna talab li jkun skużat.

540.11.2 Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas tkellmet dwar il-proġett ta' *neutering* ta' qtates *strays* fil-lokalita' u qalet li l-iskema tal-*LC Care* kienet għalqet. Is-Sinjorina Bongailas infurmat lill-membri preżenti li kienet kitbet lid-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali sabiex tiġi estiża din l-iskema. Is-Sinjorina Bongailas spjegat li n-nefqa proposta marbuta ma' din l-iskema kienet tammonta għal €20,000 filwaqt li l-Kunsill, sal llum, kien nefaq biss madwar €8,000. F'każ li d-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali ma japprovax l-estenzjoni ta' din l-iskema, is-Sinjorina Bongailas talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex il-proġett tan-*neutering* ma jieqafx u l-Kunsill jalloka n-nefqa ta' €5,000 fuq dan il-proġett. Peress illi l-Kunsill għandu skema oħra għaddejja favur il-qtates *strays*, is-Sindku ssuġġerixxa li minflok €5,000 il-Kunsill jonfoq id-differenza tal-ammont mhux minfuq, jiġifieri dak ta' €12,000 fuq id-Dekasteru tal-Ħarsien tal-Annimali. Is-Sinjorina Ghislaine Bongailas infurmat lill-membri preżenti li l-Kunsill diġa kien qassam ikel għal qtates *strays* u wriet it-tħassib tagħha li ma jkunx hemm biżżejjed fondi għal kulħadd meta l-Kunsill jiġi biex iqassam l-ikel għat-tieni darba. Fuq proposta tas-Sinjorina Ghislaine Bongailas li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li d-differenza tal-flus mhux minfuqa titħalla sabiex tintefaq fuq id-Dekasteru għall-Ħarsien tal-Annimali sal-aħħar tas-sena 2021.

540.11.3 Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex issir *solar speed limit* fi Triq il-Kunvent fil-viċinanzi ta' Triq il-Qalb Imqaddsa. Is-Sinjura Calleja talbet li dawn is-*solar speed limit* ikunu bħal dawk li saru fi Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tressaq din it-talba lil Transport Malta.

540.11.4 Is-Sur Joseph Agius qal illi kien irċieva lmenti li bankina ta' Triq Wied il-Għajn kienet perikoluża minħabba li kienet tesporġi 'l barra. Is-Sindku qal li Triq Wied il-Għajn kienet ser tinqala' t-triq kollha.

540.11.5 Is-Sinjura Anna Calleja reġgħet semmiet il-ħtieġa li ssir mera fi Triq il-Ġilbiena faċċata ta' Triq Santa Duminka. Is-Sindku talab lis-Sinjura Calleja sabiex tibgħat *site plan* immarkata bid-dettalji. Is-Sinjura Calleja qalet li din il-mera għandha titwaħħal sabiex il-vetturi li jkunu fi Triq il-Ġilbiena jaraw minn ġej minn Triq Santa Duminka.

540.11.6 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jsir xogħol ta' manutenzjoni tal-bankijiet li hemm fil-*belveder* ta' Triq tal-Labour.

540.11.7 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li fil-Park ta' San Klement ikun hemm il-*WIFI*. Is-Sindku qal illi kien ser jerġa jressaq din il-proposta lil *Parks Malta*.

540.11.8 Fit-8.30 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech talab li jkun skużat.

540.11.9 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li jingħata wiċċ ġdid fi Triq Renato Agius Muscat. Is-Sindku qal illi din it-triq kienet fil-lista ta' toroq proposti lil *Infrastructure Malta*.

540.11.10 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li jingħata wiċċ ġdid f'parti minn Triq iċ-Ċimiterju, in-naħa ta' Triq Wied il-Għajn. Is-Sindku staqsa jekk kienx qed jirreferi għal parti ta' Triq iċ-Ċimiterju li tinfed għal wara n-niċċa ta' Ġesù Redentur. Is-Sur Joseph Buttigieg wieġeb fil-pożittiv. Is-Sindku qal li qabel ma jsir ix-xogħol ta' *resurfacing* kien għad irid jiġi żviluppat il-bini. Is-Sindku qal illi l-iżviluppatur diġa ssottometta l-permessi mal-*Planning Authority*.

540.11.11 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk is-Segretarju Eżekuttiv kinitx ser tibgħat il-*link* tal-laqgħa annwali. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sakemm tkun għada bid-direttiva tal-UHM ma kinitx ser tibgħat *links* jew *invites* permezz tal-*email*.

**540.12 Mozzjonijiet**

540.12.1 Il-mozzjoni ġiet approvata waqt *item* 540.9 - Pavimentar tal-isqaqien.

**540.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

540.13.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 26 t'April, 2021 fis-6.00 ta' filgħaxija.

540.13.2 Il-laqgħa spiċċat fid-8.40 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-543 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 24 ta' Mejju, 2021.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku